MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2004

Appell Kriminali Numru. 232/2002

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anthony Micallef**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Micallef talli fis-17 ta' Mejju 2000 ghall-habta ta' l-10 am f'San Pawl il-Bahar minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-ligi izda biss sabiex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, bl-awtorita` tieghu nnifsu fixkel lil Alfred Micallef fil-pussess ta' hwejjgu;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Micallef hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, illiberatu skond l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn, u obbligatu li jnehhi l-inkonvenjent u cioe` kull

ostakolu ghall-passagg tal-ghalqa ta' Alfred Micallef fi zmien gimgha (mid-data tas-sentenza) fuq penali ta' ghaxar liri ammenda ghal kull jum ta' nuqqas skond l-artikolu 377(3) tal-Kap 9;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Anthony Micallef, minnu prezentat fil-15 ta' Ottubru 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi, inkluzi waqt l-access li sar fis-7 ta' Marzu, 2003; ikkunsidrat;

L-aggravju ta' l-appellant hu migjub, fir-rikors tieghu, fit-termini segwenti:

**"Illi l-aggravju huwa manifest ghaliex, minbarra s-sottomissjonijiet li saru quddiem l-ewwel Qorti, fuq elenkati, u partikolarment dik li l-ewwel Qorti kellha tissoprassiedi, l-istess l-ewwel Qorti tidher li ma tatx l-importanza rikjesta, kemm ghal dak li xehed l-esponent u x-xhieda minnu prodotti, kif ukoll ghall-pjanti u fotografiji li gew ezebiti."**

Ghalkemm f'dan il-bran hemm accenn ghad-digriet ta' l-ewwel Qorti li permezz tieghu hija kienet cahdet talba tal-appellant, allura imputat, ghas-soprassessjoni pendenti l-ezitu ta' proceduri civili, fil-fatt l-appellant ma jsemmix specifikatament dan id-digriet la fil-paragrafu immedjatament precedenti dak appena citat, u anqas fit-talba. In fatti, il-paragrafu immedjatament precedenti dak appena citat jghid testwalment:

**"Illi l-esponent hass ruhhu aggravat bl-<u>imsemmija sentenza</u> [tat-8 ta' Ottubru, 2002] u qieghed jappella minnha ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti"** (sottolinear ta' din il-Qorti),

filwaqt li fil-paragrafu fejn hemm "it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri" (Art. 419(1)(c), Kap. 9), din it-talba  ssemmi biss is-sentenza tat-8 ta' Ottubru, 2002:

**"Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt li jaghmel riferiment ghal provi li saru fl-ewwel istanza u jirriserva d-dritt li jipproduci provi ohra ammissibbli bil-ligi, qieghed jappella mis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati fit-8 ta' Ottubru, 2002 u jitlob riverentement li jigi liberat mill-akkuza migjuba kontra tieghu u mill-piena fuqu imposta".**

Minkejja dan, din il-Qorti tosserva li skond is-subartikolu (4) tal-Artikolu 415 tal-Kodici Kriminali *"L-appell mill-mertu tal-kawza jgib mieghu l-appell mid-digrieti interlokutorji, ghalkemm dawn id-digrieti ma jkunux gew imsemmijin specifikatament"* (sottolinear tal-Qorti). In vista tal-fatt li l-appellant accenna, kif inghad, ghad-digriet ta' l-ewwel Qorti li permezz tieghu cahdet it-talba ghas-soprassessjoni, din il-Qorti hi tal-fehma li, indipendentement minn kif inhi redatta t-talba, ghandha tqis li qed isir appell ukoll mill-imsemmi digriet interlokutorju.

Il-fatti tal-kawza huma, brevement, is-segwenti: l-appellant u huh Alfred jipposjedu bi qbiela diversi bcejjec ta' raba' fl-inhawi ta' San Pawl il-Bahar. Bl-izvilupp urbanistiku li mas-snin sehh f'dawk l-inhawi, kif ukoll bil-ftugh ta' toroq arterjali u sekondarji, gara li dawn il-bcejjec ta' raba' gew interrotti b'toroq, b'mod li anke fejn f'xi zmien kien hemm passaggi fil-ghelieqi li jaghtu access ghad-diversi bcejjec, dawn il-passaggi llum difficilment jistghu jigu identifikati bi precizjoni. Wahda minn dawn it-toroq hi Triq San Gorg. U huwa proprju f'din it-triq li illum hemm passagg – speci ta' rampa bl-art tas-siment u b'kancell – liema passagg huwa l-qofol tal-kontestazzjoni f'din il-kawza. Alfred Micallef jikkontendi li dan il-passagg huwa fil-fatt il-passagg, ghalkemm illum usa' milli kien dari, li minn dejjem huwa kien jghaddi minnu biex jaccedi ghal xi whud mill-ghelieqi li huwa jahdem; l-appellant, invece, ighid li dan il-passagg ghandu dritt jghaddi minnu huwa biss, u dan peress li huh kellu fil-fatt il-passagg originali – ftit piedi fuq naha minnhom tal-istess rampa – li huwa (cioe` huh) kien radam, u li kien wara li huh kien radam dan il-passagg li huwa (l-appellant) ikkoncedielu li jghaddi mir-rampa biex

jaccedi ghall-ghelieqi tieghu. Jirrisulta wkoll mill-provi li ghal xi zmien l-appellant kien jaqfel il-kancell bil-lejl (dan x'aktarx bhala sigurta` minhabba l-bhejjem li huwa ghandu fl-istess raba'). Fis-17 ta' Mejju tas-sena 2000 waqt li Alfred Micallef kien hiereg mill-ghelieqi tieghu bil-patata li kien ghadu kif qala', l-appellant imblokkalu l-passagg ossia r-rampa bit-*tractor* kif ukoll bit-*truck*, b'mod li l-imsemmi Alfred Micallef sab diffikulta` biex johrog il-kaxex bil-patata. Minn dik il-gurnata wkoll l-apellant beda jaqfel il-kancell anke matul il-gurnata b'mod li huh ma baqax igawdi mill-access ghall-ghelieqi tieghu permezz tar-rampa, kif sa dik il-gurnata kien ghamel.

L-appellant jippretendi li l-ewwel qorti kellha tissoprassjedi pendenti l-ezitu ta' proceduri civili ta' spoll inizjati minn huh quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant. Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun – ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika[1]. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu <u>tempestivament</u> biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali. Din il-Qorti ma tara li kien hemm ebda raguni impellenti ghala l-ewwel qorti kellha tissoprassjedi pendenti l-ezitu tal-kawza ta' spoll. Kif del resto gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Charles Chircop***, deciza fl-1 ta' Settembru, 1995, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom addirittura s-seta' li jiddeterminaw kwistjonijiet civili incidentali ghar-risoluzzjoni tal-vertenza penali. Fil-kaz in dizama ma kien hemm, fil-verita`, ebda kwistjoni ta' indoli civili x'tigi

[1] Ara, ***Il-Pulizija v. Salvina sive Silvia Incorvaja*** App. Krim., 25 ta' Lulju, 1994.

determinata: il-kwistjoni kollha hi jekk b'dak li ghamel l-appellant, allura imputat, huwa kienx qieghed ifixkel lil huh "fil-pusses ta' hwejgu" fis-sens li jispoljah minn xi haga li kien qed igawdi bi pretensjoni ta' dritt. Ghalhekk l-ewwel qorti kienet pjenament gustifikata fir-rigett tat-talba ghas-soprassessjoni.

Fil-meritu, ma hemmx dubbju li, indipendentement minn fejn kien il-passagg originali fil-ghelieqi – u cioe` jekk hux ezatt fejn illum hemm ir-rampa (kif jikkontendi Alfred Micallef u xi whud minn hutu) jew xi ftit piedi jew metri fuq naha minnhom ta' din ir-rampa (kif jikkontendi l-appellant, ibnu u xi xhieda ohra) – il-fatt jibqa' li Alfred Micallef ghal certu zmien mhux inkonsiderevoli kien jaghmel uzu mir-rampa ghax kien jippretendi li dak kien il-passagg komuni bejn l-ahwa li minnu kellu dritt jghaddi biex jaccedi ghall-ghelieqi tieghu: fi kliem l-ewwel qorti fis-sentenza appellata: *"…Alfred Micallef kien ilu jghaddi liberament minn dan il-passagg ghal ammont ta' zmien indefinit u dan bi pretenzjoni ta' dritt, u cioe` li dak kien passagg komuni bejn l-ahwa"*. Il-pretensjoni ta' l-appellant li huh kien qed jithalla juza r-rampa biss b'tolleranza u li ghalhekk ma kellu ebda dritt ta' passagg jekk mhux bil-bona grazzja tieghu, huwa kellu se mai jiddeduciha quddiem il-qorti kompetenti civili, u mhux jaqbad u jiehu l-ligi b'idejh billi effettivament jimpedih milli jaccedi ghall-ghelieqi tieghu kif kien ilu jaghmel. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, fl-kaz in dizamina jirrikorru l-elementi kollha rikjesti ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' *ragion fattasi*. Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dik is-sentenza.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-periodu ta' sentejn ta' liberazzjoni taht kundizzjoni jibda jiddekorri mill-lum, kif ukoll jibda jiddekorri mill-lum iz-zmien ta' gimgha ghat-tnehhija ta' l-inkonvenjent skond l-istess sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------